# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 53/2017**

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

vs

**Mohammed Al Hussein**

iben Bdew, imwieled is-Sirja, fl-1 ta' Frar, 1988, detentur tal-karta ta' l-identita' Svediza bin-numru SWE06424121.

Illum 14 ta' Frar, 2017.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mohammed Al Hussein quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-28 ta' Jannar 2017 ghal habta tas-1pm u/jew hinijiet wara waqt li kien fit-Triq il-Foss Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr ilhsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Yazan Harmoush minn Rahal Gdid f'periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi fuq persuntu skond ma iccertifika Dr. Shahzad Arain med numru 3661] mill-Isptar Mater Dei liema ferita kienet maghmula bi strument li jaqta' jew iniggez.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi Muhammad bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' lil Yazan Harmoush minn Rahal Gdid li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi uza arma irregolari fuq il-persuna ta' Yasan Harmoush minn Rahal Gdid.

Ukoll talli f-istess cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara fuq vettura Suzuki Swift numru tar-registrazzjoni JBU845, ghad-detriment ta' Charlene Gurrera minn Rahal Gdid.

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Yasan Harmoush sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara.

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel lil Yasan Harmoush ingurji jew theddid mhux imsernmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Ukoll talli l-istess cirkustanzi kiser il-buon ordni u paci pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Yasan Harmoush u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti gentilment ukoll mitluba li fkaz ta'htija tapplika l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal protezzjoni ta' Yasan Harmoush."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-l-Artikoli 17, 31, 64(2), 214, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b)(d), 217, 328(d), 338(dd), 339(1)(d)(e), 383, 384, 385 u 412C tal-Kodiċi Kriminali sabet lil Mohammad El Hussein, fuq l-ammissjoni tiegħu stess ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Illi kwantu ta' piena il-Qorti rat ukoll is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Zahra*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Prim'Imħallef Emeritus V. De Gaetano nhar id-9 ta' Settembru 2002 fejn kien ġie deċiż li :

> Kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna ghandha, bhala regola, iggib maghha piena restrittiva tal-liberta' tal-persuna b'effett immedjat…

U dan peress li :

> Socjeta` civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt gustifikat) jahbat ihebb jew isawwat lil dak il-haddiehor. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax alternattiva ghal piena karcerarja.

Il-Qorti ħadet ukoll konsiderazzjoni tal-attenwanti f'dan il-każ, inkluż il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija kif ukoll li huwa ammetta l-ħtija tiegħu fil-bidu nett ta' dawn il-proċeduri kif ukoll li l-fedina penali tiegħu hija waħda netta.

Mill-banda l-oħra l-Qorti rat li f'dan il-każ, l-imputat ammetta għal każ serju fejn huwa ammetta li ta' daqqiet ta' martell fuq ras il-vitma. Dan wassal għal żewġt qasmiet fuq ras il-vitma li kienu jidhru estensivi u kjarament bil-punti, aktar u aktar meta l-vitma huwa peruna qargħi. Apparti minn hekk għandu wkoll offiżi oħra fuq ġismu bħad-dislokazzjoni ta' sebgħu iż-żgħir tal-id il-leminija li ġie klassifikat mit-tabib kuranti bħala tal-istess natura konsegwenzjali ta' frattura – u b'hekk ta' natura gravi.

Illi kwantu għar-reat t'offiża gravi kwalifikata ammessa l-imputat jista' jeħel piena li tvarja bejn ħames xhur u erba' snin priġunerija. Dan mingħajr ma jittieħdu in konsiderazzjoni l-kumplament tar-reati addebitati u ammessi mill-imputat bl-applikazzjoni tal-konkors tar-reati u pieni skont l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant il-Qorti kkundannat lil Mohammad El Hussein għall-piena ta' tnax il-xahar priġunerija.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u wara li qieset li hemm lok għal Qorti timponi il-miżura hemm kontemplata, qeghdet lil Yażan Harmoush taħt ordni ta' protezzjoni u għalhekk ipprojbixxit lill-ħati milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiża, pprojbixxit lill-ħati kull aċċess lejn jew ġewwa l-fond fejn il-persuna offiża tkun qegħda tgħix, taħdem jew tiffrekwenta u (*ċ*) Ipprojbixxit lill-ħati milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna offiża. B'dan pero li kwalunkwe drittijiet jew pretensjonijiet ta' natura ċivili jibqgħu impreġudikati u invarjati u b'dan li kwalunkwe kuntatt għal dan il-għan għandu jsir bejn il-ħati u l-persuna offiża irid jiġi magħmul bejn l-avukati rispettivi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Mohammed Al Hussein minnu pprezentat fis-7 ta' Frar, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-appellant u tikkancellaha f'dik il-parti fejn l-Qorti erogat il-piena u minflokk taghti piena inqas harxa u aktar idonea fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravju huma car u manifest u huwa limitat ghal piena li giet erogata mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta' l-appellant.

Illi bla dubju ta' xejn, jigi ribadud li appell minn piena ma hux desiderabbli meta ikun hemm ammissjoni u dan stante li persuna li tammetti tkun qed tassumi r-responsabilita ta'dan li tkun ghamlet. Pero, f'dan il-kaz partikulari kien hemm fattur importanti li l-Qorti tal-Magistrati ma ikkonsideratx meta ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha qabel iddeciediet fuq il-piena li kienet idonea f'dan il-kaz. Fil-fatt il-Qorti naqset li tikkunsidra li f'dan il-kaz il-vittma kien lest li jahfer kompletament lill-appellant ghax gharaf li dan l-incident sehh minnhabba kontribuzzjoni kbira da parti tieghu;

Illi ovjament l-mahfra tal-vittma fic-cirkusanzi ta' dan il-kaz ghalkemm ma igib l-ezstinzjoni tal-proceduri kriminali u dan stante li griehu gravi huwa prosegwibbli ex officio, zgur mhux forsi ghandha impatt qawwi fuq il-piena;

Illi din il-mahfra kienet se issir dak inhar tas-sentenza pero s-sentenza inghatat fin-nuqqas ta' prezenza ta' l-avukat ta' l-appellant li kellu dakinhar jinforma lill-Qorti b'dan l-izvilupp;

Illi minghajr pregudizzju ghal dan, anke minghajr il-mahfra tal-vittma, fic-cirkustanzi l-piena infitta mill-Qorti kienet wahda harxa hafna u dan tenut kont li quddiem il-Qorti kien hemm persuna li gharfet li zbaljat, li kienet l-ewwel darba li zbaljat u l-appellant zbalja minhabba l-provokazzjoni tal-vittma stess.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant.

Illi fis-seduta tal-lum Yazan Harmoush offra, il-parte civile, offra x-xiehda tieghu li minnha jirrizulta li hu hafer lill-appellant u ma jrid xejn minnu.

Illi fic-cirkostanzi ta' din l-affermazzjoni din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu jibbenefika minn dan il-fatt.

Ghaldaqstant, tikkonferma l-htija tal-appellant Mohammed Al Hussein. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' tnax (12) il-xahar prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma sehh hlief jekk l-appellant jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' (4) snin mil-lum.